# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 5 ta' Novembru 2020**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 900/2020 JVC**

**Pauline Grech**
**Carmel Joseph Brincat**
**Marlene Agius Ordway**
**Alexander Gingell**
**Joseph Brincat**
**Evelyn Vella Clark**
**Marthese Borg**
**Marcellina Muscat**
**Alfrida Borg Camilleri**
**Raymond Camilleri**
**Dennis Camilleri**
**Joan Ribi**
**Kim Lucia**

**Paula Lucia**
**Pamela Lucia**
**Patricia Moran**
**William Karl Moran**
**Anndrea Moran**
**Simon Moran**
**Philomeno sive Philip Moran**
**Carmen Grima**
**Dorothy Buontempo**
**Isabelle Moran**
**Marion Calleja**
**Rita Giordmaina Medici**
**Beatrice sive Bice Napier**
**Horace Laudi**
**Rita Mallia Laudi**
**Helen Abela**
**Gemma Vassallo**
**Albert Briffa**
**Mariella Wettinger**
**David Christopher Mullins**
**Caroline Mary Mullins**

**vs**

**Mario Theuma**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Pauline Grech et kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti huma sidien tal-porzjon ta' art agrikola ta' madwar erbatx-il tomna maghrufa bhala tal-Habel l-Ahmar fil-kontrada tal-Ghadir, bejn Hal Kirkop, Qrendi u z-Zurrieq, accessibbli minn Sqaq li jizbokka fi Triq Dun Guzepp Barbara, Zurrieq, hekk kif indikata fil-pjanta u s-*survey* mehmuza bhala **'Dok. PG1'**;

2. Illi l-art kienet f'idejn terzi persuni b'titolu ta' cens temporanju ghal perjodu ta disgha u disghin (99) sena, li skada fl-14 t'Awwissu 2017, koncess mill-awtur fit-titolu tar-rikorrenti, Alfonso Bugeja, permezz tal-att pubbliku tan-Nutar Francesco Farrugia tat-30 t'Ottubru 1917, hekk kif indikat fl-ittra ufficcjali tas-27 t'April 2017 (numru 1604/2017), kopja mehmuza bhala '**Dok. PG2**';

3. Illi ma kien hemm ebda risposta ghall-imsemmija ittra ufficcjali, izda ebda wiehed mill-enfitewti indikati fl-ittra ufficcjali ma ressaq xi pretensjoni u/jew acceda aktar ghall-proprjeta wara l-14 t'Awwissu 2017;

4. Illi b'hekk b'effett mill-14 t'Awwissu 2017 uhud mir-rikorrenti bdew jaccedu regolarment fl-imsemmija art agrikola liberament. Pero' mal-ewwel deher bic-car li xi hadd qieghed jidhol fl-art in kwistjoni ad insaputa taghhom, billi sahansitra anke' beda jaqta' l-katnazzi u jnehhi tabelli li ghamlu r-rikorrenti;

5. Illi f'qasir zmien saru jafu li l-intimat Mario Theuma kien qieghed jaccedi, jaghmel uzu u jokkupa partijiet mill-art in kwistjoni, inkluz kmamar li hemm fl-istess art, u dan kif anke' jirrizulta mill-ittri legali tas-26 ta' Marzu 2018 ('**Dok.**

**PG3**') u tal-25 t'April 2018 ('**Dok. PG4**'). Kif indikat fl-ittra tal-25 t'April 2018, waqt laqgha li saret fl-art in kwistjoni stess bejn uhud mir-rikorrenti u l-intimat, l-istess intimat Theuma verbalment rabat il-pretensjonijiet tieghu fuq l-art mal-familji Debono u Grech, b'mod partikolari ma' Salvu Debono, li kienu intimati bl-ittra ufficcjali tas-27 t'April 2017, u li l-enfitewsi taghhom skadiet fl-14 t'Awwissu 2017;

6. Illi Mario Theuma qatt ma rrisponda ghaz-zewg ittri legali fuq imsemmija u baqa' jaccedi illegalment u bla ebda permess tar-rikorrenti fl-istess art agrikola, jokkupa u jaghmel uzu minn kamra u/jew kmamar fl-istess art li huma msakkra, u jokkupa u jaghmel uzu wkoll minn partijiet mill-istess art, u dan ghad-detriment tar-rikorrenti s-sidien;

7. Illi fil-frattemp, fl-ahhar xhur ir-rikorrenti kkancellaw ukoll ir-registrazzjoni ta' hames *'parcels'* mill-art in kwistjoni li kienu registrati f'isem Salvu Debono (fuq imsemmi) u Jurgen Bugeja, mal-Agenzija ghall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) ghal skopijiet ta' sussidju ('**Dok. PG5**'). Dawn ir-registrazzjonijiet kienu gejjin mill-perjodu tal-enfitewsi temporanja li ghalqet fil-15 t'Awwissu 2017, u ma kien hemm ebda oppozizzjoni ghal tali kancellament. B'hekk illum m'hemm hadd li ghandu xi interess registrat fuq l-art in kwistjoni ghajr l-esponenti Pauline Grech ghan-nom tar-rikorrenti;

8. Illi peress li r-rikorrenti qeghdin jikbru fl-eta', u aktar ma jghaddi z-zmien qeghdin ikomplu jizdiedu l-ko-proprjetarji, r-rikorrenti jixtiequ li jkunu f'pozizzjoni li jbieghu lil terzi. Pero' fil-prezent ma jistghux ibieghu bil-garanziji tal-pussess

pacifiku u battal skond il-ligi, proprju minhabba l-agir illegali tal-istess Mario Theuma;

9. Illi l-intimat inghata l-ahhar twissija formali permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru 2090/2020 tal-20 ta' Lulju 2020 ('**Dok. PG 6**') notifikata fit-22 ta' Lulju 2020, izda ghal darb'ohra rega' injora t-talbiet tar-rikorrenti, u baqa' jaccedi, juza u jokkupa l-art in kwistjoni regolarment bhalma kien qieghed jaghmel tul dawn l-ahhar tliet (3) snin, mindu skadiet l-enfitewsi temporanja li kienet tezisti favur terzi;

10. Illi b'hekk ir-rikorrenti ma kien baqghalhom ebda ghazla ohra hlief li jipprocedu permezz ta' din il-kawza;

11. Illi fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Art. 167 et. seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh billi fil-fehma tal-istess rikorrenti l-intimat m'ghandu ebda eccezzjoni jew difiza xi jressaq kontra t-talba tar-rikorrenti ghall-izgumbrament mill-art in kwistjoni, u ghal din ir-raguni t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha minghajr ma' din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-smigh tal-kawza;

12. Illi l-esponenti Pauline Grech taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti qeghdin jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tghaddi sabiex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond l-Artikolu 167 et. seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna l-izgumbrament tal-intimat Mario Theuma ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi mill-art agrikola ta' madwar erbatax-il tomna maghrufa bhala tal-Habel l-Ahmar fil-kontrada tal-Ghadir, bejn Hal Kirkop, Qrendi u z-Zurrieq, accessibbli minn Sqaq li jizbokka fi Triq Dun Guzepp Barbara, Zurrieq, hekk kif indikata fil-pjanta u s-*survey* mehmuza bhala 'Dok. PG1' mar-rikors guramentat, fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, stante li huwa m'ghandu ebda jedd u/jew titolu juza, jaccedi u/jew b'xi mod iehor jokkupa l-istess art jew partijiet minnha;

   B'rizerva ghal proceduri ulterjuri fil-konfront tal-intimat ghad-danni skond il-ligi.

   Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluz tal-ittra ufficcjali tal-20 ta' Lulju 2020 (numru 2090/2020), kollox kontra l-intimat.'

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumentazzjoni kollha fl-atti;

Partikolarment rat ukoll l-ittri ufficjali li ntbaghtu lil intimat u li jidhru li gew debitament notifikati lilu u li kif dikjarat bil-gurament mir-rikorrenti dawn ma saret l-ebda risposta ghalihom;

Rat illi Pauline Grech illum seduta stante fix-xiehda taghha bil-gurament ikkonfermat illi l-atturi huma lkoll il-proprjetarji ta' l-art in kwistjoni ;

Rat illi l-intimat debitament notifikat bis-seduta tal-lum imsejjah diversi drabi ma dehrx ;

Stante illi mid-dokumentazzjoni kollha annessa ma' l-atti u mix-xiehda tal-attrici fis-seduta tal-lum u l-fatt li l-intimat debitament notifikat naqas milli jattendi ghas-seduta tal-lum, jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li t-talba tal-atturi hija gustifikata.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesopsti l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddisponi mit-talbiet atturi kif isegwi :

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tghaddi sabiex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond l-Artikolu 167 et. seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-izgumbrament tal-intimat Mario Theuma ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi mill-art agrikola ta' madwar erbatax-il tomna maghrufa tal-Habel l-Ahmar fil-kontrada tal-Ghadir, bejn Hal Kirkop, Qrendi u z-Zurrieq, accessibbli minn Sqaq li jizbokka fi Triq Dun Guzepp Barbara, Zurrieq, hekk kif indikata fil-pjanta u s-*survey* mehmuza bhala 'Dok. PG1' fol. 6 tal-process fi zmien xahar mil-lum stante li jirrizulta li huwa m'ghandu ebda

jedd u/jew titolu juza, jaccedi u/jew b'xi mod iehor jokkupa l-istess art jew partijiet minnha;

Bir-riserva kif mitluba;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Novembru 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Novembru 2020**